Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

# MINUTI TAL-GHOXRIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 30 ta' Lulju 2013 | | | |
| **HIN** | Minn | 7.00pm | Sa | 9.00pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | | |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | GERALD BORG |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE (Skuzat) |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

Is-Sur Stefan Cordina talab sospensjoni tal-laqgħa u nforma lil kulħadd li xi residenti minn Triq il-Kappar, Triq is-Sienja u Triq il-Faqqiegh xtaqu jwasslu lment quddiem il-Kunsill u ghalhekk intalbu jitkellmu. Wara li nghataw cans jitkellmu wara xulxin il-kliem li ntqal hu sommat f'dan li gej:

Huma jinsabu mdejjqin minhabba;

- li l-blokka appartamenti ta' quddiemhom jew fil-vicinanzi taghhom gew mikrija minn zewg kumpaniji li jgibu l-istudenti jistudjaw l-Ingliz Malta.
- u li fost affarijiet ohra huma lmentaw fuq il-hinijiet bikrin ta' filghodu li fihom jaslu/jidhlu l-istudenti xi drabi akkumpanjat bi strobju bla bzonn, hmieg (filters tas-sigaretti u fliexken tal-luminata kullimkien), inxir ta' hwejjeg mal-gallariji u vendikazzjonijiet minn studenti ta' ardita barra minn lokha.

Is-Sur Cordina qal li ghalkemm il-Kunsill jaghder is-sitwazzjoni il-Kunsill jista' biss jwassal rapport lill-MTA u l-Pulizija.
**DECIZJONI LI TTIEHDET**: Issir petizzjoni min-naha tar-residenti u meta tasal il-Kunsill, din terga' tigi mghoddija lill-Awtoritajiet koncernati.

1. ***APPROVAZZJONI TA' MINUTI***
   Approvati wara li saret korrezzjoni u flok il-kliem Heritage Malta f'pagna 5 dahal il-kliem Sovrantendenza tal-Wirt Storiku.

2. **KORRISPONDENZA**
   🗁 Kwotazzjoni minghand JF Mallia fuq tiswija ta' *floodlights* faccata u fuq il-kampnar tal-Knisja. Is-Sur Borg qal li dawk kienu saru xi 20 sena ilu mill-Ministeru li mieghu kien impjegat hu u ma jahsibx li ghandhom jissewwew mill-Kunsill.
   **DECIZJONI LI TTIEHDET**: Tingab konferma bil-miktub li dawn mhumiex f'idejn l-Enemalta bhalha tiswija u jekk dan hu minnu jissewwew tal-faccata tal-Knisja biss.
   🗁 Email mingħand is-Sur Franco Pace rigward tnehhija ta' Payphone li m'ghadhiex tintuza.
   **DECIZJONI LI TTIEHDET**: Il-Kunsill jaqbel li din titnehha.
   🗁 Email mingħand is-Sur Mario Cucciardi rigward laqgha ta' konsultazzjoni dwar il-Pjan Lokali. Huwa staqsa jekk skond kif qal is-Sur Frans Mallia hux minnu li ssir konsultazzjoni mal-Kunsill fuq kull zvilupp meta dan ikun relatat mal-Pjan Lokali. Is-

Sur Cassar qal li saret konsultazzjoni xi 10 snin ilu u l-Kunsill kien bghat lista t'oggezzjonijiet imma zgur qatt ma saret konsultazzjoni fuq kull binja. Is-Sur Spiteri qal li billi titwahhal il-karta fuq is-sit ma jfissirx li tkun saret konsultazzjoni mal-Kunsill.
**DECIZJONI LI TTIEHDET**: Is-Sur Cuccairdi ghandu jigi nfurmat b'dan li ntqal.
🗁 Email mingħand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali MEMO18/2013 Car Free Day. Is-Sur Cassar ressaq ftit brainstorming points fosthom li:

- Ssir it-tigrija regolari madwar ir-rahal, mixja storika u jogging sessions, ikun hemm xi rock band wara nofsinhar u jiehdu sehem il-baned lokali.

**DECIZJONI LI TTIEHDET:** Il-Kunsill se japplika ghall-fondi u jekk dawn jinghataw isir programm amalgamat ma' Jum H'Attard nhar it-22 ta' Settembru 2013. Jekk le isir il-programm ghal Jum H'Attard biss.
🗁 E-mail rigward offerta ghall-iskrizzjoni fil-gazzetta The Times online flimkien ma' dik imwassla wara l-bieb tal-Kunsill.
Is-Sur Remigio ssuggerixxa li l-gazzetti kollha ghandhom jinxtraw bis-sistema ta' Premium Content.
**DECIZJONI LI TTIEHDET**: Se jsir arrangament biex jigu frankati l-flus u l-gazzetti kollha jinxtraw online.
🗁 E-mail minghand is-Sur Cassar rigward proposta sabiex isiru tabelli ma' siti ta' nteress storiku. Is-Sur Cordina propona li dawn isiru puliti tal-perspex.
**DECIZJONI LI TTIEHDET**: Il-Kunsill qabel li dawn isiru tal-perspex u li s-Sur Cordina ghandu jgib xi kwotazzjonijiet.
🗁 Zewg ittri minghand La Stella Levantina rigward il-programm ghall-festa ta' Santa Marija b'talba ghall-ghajnuna sabiex jittella' l-programm permezz ta' kiri ta' 400 siggu u arlogg 3 phase.
**DECIZJONI LI TTIEHDET**: Iz-zewg talbiet gew approvati.
🗁 E-mail sabiex issir konsultazzjoni mal-Kunsill fuq on-street parking bays fi Triq iz-Zragen.
**DECIZJONI LI TTIEHDET**: il-Kunsill ghandu jimxi mal-istess procedura tas-soltu u ssir konsultazzjoni mar-residenti.
🗁 Ittra minghand DLG rigward hlas ta' taxxa
**DECIZJONI LI TTIEHDET**: Is-Sur Remigio Bartolo talab li tinqatalu t-taxxa bil-35% filwaqt li s-Sur Spiteri bil-32%. L-ohrajn ghandhom jinfurmaw is-Segretarju Ezekuttiv individwalment.
🗁 E-mail rigward il-fondi tal-UIF li prezentament jinsabu fl-ammont ta' €6,059.62.
🗁 E-mail minghand Dr. Angele Vella rigward il-Bye-law – Harsien t'Art Pubblika li ghadha skond l-istess e-mail qed tigi diskussa.

**3. APPROVAZZJONI MOZZJONI KUMITAT *YOUTH IN ACTION.***
Il-mozzjoni giet approvata unanimament.

**4. SKEMA STREAMING TAL-LAQGHAT ONLINE**
IL-Kunsill approva Mozzjoni Nru. 2 skond Memo 17/2013 sabiex jingabu fondi biex il-laqghat jigu trasmessi online.

**5. TISMIJA TA' TRIQ GDIDA FI TRIQ L-GHENBA**
Is-Sur John P.Bonnici bi qbil mas-Sur Raymond Azzopardi proponew li din il-parti ta' triq tissemma Triq Geraldu Azzopardi. Is-Sur G. Borg ippropona li tissemma Triq ta' Fgieni.
**DECIZJONI LI TTIEHDET**: Peress li ma kienx hemm qbil unanimu fuq l-ebda isem gie deciz li tingab informazzjoni fuq Geraldu Azzopardi u l-Kunsill jerga' jiddiskuti din it-tismija.

**6. CIRKULARI AKL 39/2013 THAWWIL TA' SIGAR**
Is-Sur Ralph Cassar ressaq il-proposti tieghu dwar afforestazzjoni f'tliet siti differenti li saru b'konsultazzjoni mas-Sur Joe Borg.
**DECIZJONI LI TTIEHDET**: Il-Kunsill qabel mas-siti proposti.

## 7. APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI GUNJU

Is-Sur Alfred Zammit staqsa fuq il-paga tas-Sinjorina Calleja u ghala kienet daqshekk gholja. Is-Sinjura Mifsud qalet li s-Sinjorina Calleja sal-ahhar ta' Gunju kienet ghadha bil-paga ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv u kellha wkoll maghdud il-Qualification Allowance barra l-Bonus ta' Gunju. Is-Sur Zammit tenna li basta mhux f'overtime ghax hu jqis dan hela ta' fondi.

## 8. JUM H'ATTARD *UPDATE*

Is-Sur Cordina qal li hemm xi problemi bil-banda fuq id-data deciza qabel cioe' dik tas-6 ta' Settembru. Wara li saret telefonata lis-Sur Albert Callus gie deciz li Jum H'Attard jinzamm fit-22 ta' Settembru 2013 flimkien mal-attivitajiet ta' *Car Free Day.*

## 9. UFFICCINI TAL-KUNSILL (PROPOSTA LIBRERIJA) *UPDATE*

Is-Sur Cordina ressaq ic-cifri mitluba ghad-djar bejgh li jistghu jigu kkunsidrati bhalha ufficcini tal-Kunsill – Triq Hal Warda Casa Dingli €700,000 u hu negozjabbli, Triq Oliver Agius €630,000. Is-Sur Cordina ressaq cifri ohrajn ta' kera u dan ghas-sit (l-ewwel sular fuq Attard Football Club) li hemm fi Gnien Hal Warda. Dawn ic-cifri kienu ferm attraenti u ghall-but tal-Kunsill cioe' l-ewwel hames snin €500/xahar, it-tieni hames snin €583, it-tielet hames snin €666/xahar u l-ahhar €833/xahar. Peress li fuq is-sit iridu jitkomplew il-*furnishings* gie suggerit mis-Sur Spiteri jekk l-ewwel sentejn sakemm isiru x-xoghlijiet mehtiega jistghux jinghataw b'xejn bla kirja.
**DECIZJONI LI TTIEHDET**: Is-Sur Cordina ha jerga' jiddiskuti dan mas-sidien u jgib risposta sal-laqgha li jmiss.

## 10. PUNTI MQAJJMA

Is-Sur Marco Spiteri ressaq dawn il-punti:

- Saqsa fuq il-One-Way fi Triq Frans Dingli. Din saret.

Is-Sur Gerald Borg ressaq dawn il-punti:

- Saqsa fuq applikazzjoni minn Casa De Piro biex isiru zewg swimming pools u li biex jaghmel dan se jqaccat is-sigar kollha. Is-Sur Cordina qal li r-rahal mimli bihom u mhux fil-kompetenza tal-Kunsill li joggezzjona.

Is-Sur Ralph Cassar ressaq dawn il-punti:

- Fakkar fuq Eko-Festa
- Talab li jsir *follow-up* fuq dak li kien diskuss ma' Greenpak rigward il-Premju tal-€1000, li flok it-tpingija ssir xi reklamar minn Greenpak u li jsiru l-lapsijiet bil-logo biex jinghataw lill-istudenti.
- Fakkar fil-hasil tal-Pjazza fi zmien il-festa.

Is-Sur Remigio Bartolo ressaq dan il-punt:

- Li sab kumpanija Across Limits li tista' tghin fil-mili t'applikazzjonijiet ghall-fondi tal-Unjoni Ewropeja. Hu spjega li dawn jiehdu €1000 dejjem u 4% tal-ammont jekk il-Kunsill jakkwista l-fondi. Kulhadd qabel.

Is-Sur Raymond Azzopardi ressaq dawn il-punti:

- Tinghata attenzjoni ghall-artiklu li deher fit-Torca, 21 ta' Lulju fuq *toilets* bla maghqad. Is-Sur Cordina qal li dawn ma jaqghux taht il-gurisdizzjoni tal-Kunsill.
- Li matul certu lljieli tinxtam riha ta' hruq. Saqsa x'monitoragg tal-arja qed isir u x'inhuma l-ahhar rizultati jekk jezistu?
- Ġibed l-attenzjoni fuq arblu perikoluz li qed jitkisser fi Sqaq ta' Qassati fit-trejqa li taghti ghall-barriera.

- Biex is-Sur Gerald Borg jinghata aktar attenzjoni ghal dak li jghid biex ikun hemm iktar qbiel u trasparenza fejn jidhlu finanzi. Talab biex jisimghuh iktar u japprezza kulhadd l-opinjoni tieghu qabel tkun se tinxtara xi haga mhux tar-rutina jew tas-soltu mill-Kunsill

Is-Sur John P Bonnici ressaq dawn il-punti:

- Fakkar fuq hajt imwaqqa' fi Triq il-Gibjun u l-iskart li qed jintefa' warajh.
- Li titmexxa Reserved Parking Bay minn Triq il-Palm ghal Triq l-Ghenba.
- Tinkines Triq il-Gradilja
- Li t-trophies ghat-tlielaq tal-AAC jinxtraw mill-Kunsill. Dan l-item se jigi diskuss fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

**11. AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-9.00pm għat-Tlieta, 3 ta' Settembru 2013 fil-12.15pm.

________________________ Sindku

________________________ Data